**172. L-Onor. Lino Spiteri jipproponi:-**

"Illi din il-Kamra tar-Rappreżentanti:

Wara li rat ir-regolamenti tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Skemi għal Bejjiegħa bl-Imnut) (Avviż Legali 99 tal-1994) magħmula bis-saħħa tal-artikoli 46 u 61 tal-Att tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li jipprovdu għal kif it-transazzjonijiet magħmula minn bejjiegħa bl-imnut jaqgħu taħt ir-reġim fiskali tal-VAT;

Wara li rat kif l-artikoli 46 u 61 tal-Att tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud għaddew mill-Parlament mingħajr diskussjoni fl-istadju tal-Kumitat, għax ġiet applikata mozzjoni ta' proċedura li qatgħet il-ħin tad-dibattitu, qabel ma d-diskussjoni kienet eżawrita;

Wara li għarfet kif l-iskemi għall-bejjiegħa bl-imnut kif proposti, bħat-taxxa kollha tal-VAT, ma jgħoddux għar-realtà ekonomika ta' pajjiżna fejn jipprevali għadd kbir ta' azjendi kummerċjali żgħar, li jaħdmu fuq skala żgħira, immexxija minn ċittadini li jaħdmu għal rashom, waħidhom jew ma' membri tal-familja tagħhom;

Wara li nnotat kif l-istess skemi proposti jiddiskriminaw kontra l-bejjiegħa bl-imnut imqabbla ma' professjonisti u self-employed oħra, żgħar jew kbar;

Billi skond l-Interpretation Act, Kap. 249, Artikolu 11, din il-Kamra tista' tannulla Avviż Legali maħruġ taħt liġi bħall-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, sakemm tiġi preżentata mozzjoni f'dan is-sens, fi żmien 28 ġurnata minn meta l-avviż legali jkun tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra;

Billi r-regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Formoli) (Avviż Legali 99 ta' l-1994) tpoġġew fuq il-Mejda ta' din il-Kamra mill-Onor. Ministru tal-Finanzi John Dalli fis-26 ta' Settembru 1994;

GĦALHEKK DIN IL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI

Tqis li t-tħaddim tar-regolamenti proposti mill-Avviż Legali msemmi jkun ta' dannu kbir għall-konsumaturi u għas-settur tas-self employed, waqt li joħloq diskriminazzjoni bla bżonn u piżijiet u inġustizzji soċjali fuq dawk li l-anqas jistgħu jifilħuhom; u għalhekk

Tannulla r-Regolamenti tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Skemi għal Bejjiegħa bl-Imnut) (Avviż Legali 99 tal-1994).

04.10.1994